MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 323/2014

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

ILLI l-partijiet kienu żżewwġu fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

ILLI l-partijiet ilhom legalment separati, u dan a tenur ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Tonio Cauchi datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bħala 'Dok. B';

ILLI minn tali zwieg kellhom tifla L, li illum hija maggorenni;

ILLI fiċ-ċirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u numru ta' snin aktar de facto separati u ma jghixux flimkien, u kull parti qed ssegwi ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

ILLI ghalkemm m'hemmx l-obbligu ta' manteniment li jrid jithallas kull xahar, il-kuntratt *de quo* jistipola li C D jrid ihallas is-somma ta' sebgha t'elef u hames mitt Ewro (€7,500) lit-tifla tieghu rapprezentanti manteniment *lump sum*, li minnhom hallas biss is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) u dunque fadal pendenza ta' sitt elef ewro (€6,000);

ILLI r-rikorrenti taf bhala fatt li bintha L, li hija maggorenni u finanzjarjament independenti, disposta li tirrinunzja ghas-somma fuq imsemmija u di piu', lesta tixhed quddiem din l-Onorabbli Qorti dwar tali decizjoni;

ILLI kien hemm diga proceduri ghall-divorzju intavolati minn C D, fejn r-rikorrenti insistiet li s-somma dovut lit-tifla L ghandha tigi mhallsa qabel ma jinghata d-divorzju, u l-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] ippreseduta

mill-Onorabbli Imhallef Abigail Lofaro qablet ma’ dan u tat lill-intimat zmien xieraq biex ihallas, izda qabel ma ghadda z-zmien moghti ghal dak l-iskop, gie intavolat nota ta’ cessjoni tal-kawza da parti tal-intimat;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fit-terminu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament, li in forza taghha eccepixxa :

Illi l-esponenti jaqbel mat-talba kif dedotta tar-rikorrenti, u dan stante li jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji ghal pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet;

Illi ghal kompletezza tal-fatti, ghandha tigi prodotta l-prova li bint il-partijiet L D, irrinunzjat ghal kwalsiasi pendenza dovuta, u dan kif accenat fir-rikors promotur;

Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-esponenti umilment jirrileva li huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Awissu, 2014;

Semghet lill-bint il-partijiet L D tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar 2011, u ilhom u ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u numru ta' snin aktar de facto separati u ma jghixux flimkien;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------